MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 817/2002

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum, it-Tnejn 27 t' Ottubru, 2003.**

**Kawza Nru: 3.**

**Citaz Nru: 817/02 JA.**

**Rita Azzopardi f' isem il-minuri Mandy Azzopardi u Clayton Azzopardi, Georgina Farrugia f' isimha proprju u f' isem il-minuri uliedha Romina Azzopardi, Marouska Azzopardi u Jean Paul Azzopardi; Jacqueline Rapinett f' isem il-minuri bintha Chanel**

**Azzopardi u Mary Rose Cassar f' isimha proprju u f' isem il-minuri uliedha Jasmar sive Jesmar Cassar u Shylanne Cassar, lkoll eredi tal-mejjet Jason Azzopardi.**

**-vs-**

**Curtis Rent-A-Car Limited u Raymond Cortis.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq fis-17 ta' Lulju, 2002, li bih l-atturi premmettew:

Illi f' Awissu tas-sena elfejn (2000), il-konvenuti xtraw u rregistraw f' isimhom vettura tal-ghamla Mercedes Benz, mudell E320CDI tat-tip saloon b' numru tar-registrazzju ittri FGY u numri tlieta tnejn xejn (FGY 320), numru tal-makna 613961300824 u numru tax-xasi WDB2100262A985402;

Illi l-konvenuti xtraw l-imsemmija vettura fuq inkarigu u struzzjonijiet mghotija lilhom mill-mejjet Jason Azzopardi;

Illi l-istess Jason Azzopardi hallas ukoll il-prezz sabiex inxtrat l-imsemmija vettura;

Illi minn Awissu tas-sena elfejn (2000) sal-mument stess tal-mewt tieghu f' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001), l-imsemmija vettura u d-dokumenti relattivi kineu dejjem fil-pussess esklussiv ta' l-imsemmi Jason Azzopardi;

Illi Jason Azzopardi nnomina lill-atturi werrieta universali tieghu b' testment datat tliet u ghoxrin ta' Lulju, elf disa'

mija u disgha u disghin (23.07.1999) fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sciberras Trigona;

Illi ghaldaqstant l-atturi issucedew fid-drittijiet kollha tal-mejjet Jason Azzopardi fil-konfron tal-konvenuti;

Illi ghalkemm interpellati sabiex jitrasferixxu r-registrazzjoni ta' l-imsemmija vettura favur l-atturi, l-konvenuti baqghu inadempjenti minkejja li inizjalment ddikjaraw li ma kellhom l-ebda oggezzjoni ghal dan;

Ghalhekk l-atturi jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti agixxew fuq mandat mghoti lilhom minn Jason Azzopardi meta xtraw u rregistraw f' isimhom vettura tal- ghamla Mercedes Benz, mudell E320CDI tat-tip saloon b' numru tar-registrazzju ittri FGY u numri tlieta tnejn xejn (FGY 320), numru tal-makna 613961300824 u numru tax-xasi WDB2100262A985402;

2. Tiddikkjara illi l-istess Jason Azzopardi kien lahaq hallas lill-konvenuti l-prezz intier sabiex inxtrat l-imsemmija vettura qabel il-gurnata tal-mewt tieghu;

3. Tiddikkjara illi l-imsemmija vettura illum tappartjeni lill-atturi, qua eredi tal-mejjet Jason Azzopardi; u

4. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex, fi zmien qasir u perentorju iffissat minn dina l-Qorti, jitrasferixxu r-registrazzjoni ta' l-imsemmija vettura lill-atturi minghajr l-ebda hlas jew korrispettiv da parti ta' l-atturi favur il-konvenuti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1454/02 kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tal-vettura jeccedi l-hamest elef Lira Maltija (Lm5,000).

Rat id-dikjarazzjoni mhalufa w in-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Konvenuti prezentata fit-23 t’ Ottubru, 2002 li fiha eccepixxew:

1. Illi preliminarjament l-atturi Rita Azzopardi u Georgina Farrugia proprio et nomine, m’ ghandhomx interess fil-kawza odjerna u ddikjaraw rwiehom f’ dan is-sens kif jigi ppruvat.
2. Illi t-talbiet attrici jirrigwardaw pretensjonijiet naxxenti minn wirt u ghalhekk l-atturi iridu juru li ssoddisfaw ir-rekwisti kollha tal-ligi sabiex jkunu jistghu jiehdu azzjoni fir-rigward tal-wirt.

3. Illi l-wirt tal-mejjet Jason Azzopardi mhux divis u ghalhekk jekk jinsab li l-atturi Rita Azzopardi u Georgina Farrugia m’ ghandhom interess f’ din l-azzjoni kif intqal, din ma’ tistax tirnexxi kif ppresenta mill-atturi l-ohra fir-rigward ta’ parti minn wirt indiviz.

4. Illi minghajr pregudizzju l-fatti kif esposti fic-citazzjoni huma bla bazi fil-fatt u fil-ligi kif jigi ppruvat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet id-dikjrazzjoni tal-konvenuti waqt is-seduta ta’ llum, li biha ammettew it-talbiet kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti **tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet** ta' l-atturi kif dedotti fic-citazzjoni **bl-ispejjez kontra l-konvenuti** u **tordna li t-trasferiment jsir fi zmien xahar millum.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------